MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT

### ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2014

Numru. 1162/2013

Il-**Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Francis Cassar ta’ 48 sena, iben Joseph u Maria Carmela nee` Mallia, mwieled Isla nhar il-21 ta’ Ottubru 1965, residenti gewwa Spring Valley Flat 3, Triq il-Qaliet, Marsaskala u detentur tla-karta ta’ l-identita bin-numru 515465M.

Talli;

Nhar il-31 ta' Ottubru 2013 iddenunzja lill-Pulizija Ezekkuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew procedure kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar u dan skond l-artikolu 110 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-sitess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-providmenti ta' sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona LLD datata 17 ta' Jannar 2011, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

U aktar talli kiser il-providiment tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn gie misjub hati, b`sentenza tal-Qorti tal-Maigstrati (Malta) Maigstrat Dr. Antonio Mizzi LL.D datata 29 ta' Awissu 2011, u liberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 110(2) u 28B tal-Kapitolu 9, u l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti fuq ammissjoni issib lill-istess imputat hati u ghal daqstant qieghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------